MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 807/2005

L-Onorevoli Prim Ministru
vs
Joseph Bonello

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi permezz ta' decizjoni tat-3 ta' Marzu 2005 it-Tribunal ghall- Investigazzjoni ta' Ingustizzji mwaqqaf bl-Att VIII tal-l997 kien iddecida dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut billi filwaqt li cahad it-talba tal-konvenut li jinghata promozzjoni bhala Assistant Head fl-1987 u Head Grade I, l-istess Tribunal kien iddecieda li kienet saret ingustizzja mal-konvenut meta kienet giet imcahhda lilu l-promozzjoni ghal Segretarju tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u ghalhekk kien akkorda lill-konvenut is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) *arbitrio boni viri;*

Illi r-rikorrent kien hassu aggravat minn dik il-parti tad-decizjoni fejn it-Tribunal kien iddecieda li kienet saret ingustizzja mal-konvenut meta kienet giet imcahhda lilu l-promozzjoni ghal Segretarju tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u fejn kienet giet akkordata lill-konvenut is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) *arbitrio boni viri;*

Illi ghalhekk kien hemm lok ta' stharrig dwar il-validita` ta' dik il-parti tad-decizjoni a tenur tal-Artikolu 469A (1) (b) (iv) peress li d-decizjoni tat-Tribunal kienet tmur kontra l-ligi;

Illi fl-ghoti ta' din il-parti tad-decizjoni li minnha r-rikorrent kien ihossu aggravat it-Tribunal kien naqas li japplika l-ligijiet u r-Regolamenti u d-dispozizzjonijiet applikabbli ghall-kaz, inkluz l-Estacode, kif kellu jaghmel skond l-Att VIII tal-1997;

Illi fil-fatt skond il-Policies u r-Regolamenti applikabbli ghall-kaz odjern il-konvenut ma seta' qatt ikun eligibbli ghall-kariga ta' Segretarju tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku kemm qabel l-1990 kif ukoll wara l-1990 meta l-kariga ta' Segretarju tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku kienet saret analoga ma' dik ta' Head I;

Illi qabel l-1990 l-grad ta' Segretarju tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku kien analogu mal-grad ta' Assistant Head, liema kariga ta' Assistant Head l-initmat lanqas biss kien eligibbli ghaliha skond il-policies u r-Regolamenti vigenti f'dak il-perjodu, kif gie anke konfermat mill-istess Tribunal;

Illi wara l-1990 l-grad ta' Segretarju tal-Kummissjoni ghas-Servizz
Pubbliku kien sar analogu mal-grad ta' Head I liema kariga ta' Head I il-konvenut lanqas biss kien eligibbli ghaliha skond il-policies u r-Regolamenti vigenti f'dak il-perjodu, kif kien gie anke konfermat mill-istess Tribunal;

Illi fil-fatt kien l-istess Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li kien iddecieda li ma kienu saru ebda

irregolaritajiet jew ingustizzji mal-konvenut meta ma kienx inghata l-kariga ta' Assistant Head u Head I;

Illi ghalhekk il-parti tad-decizjoni tat-Tribunal li minnha l-attur kien ihossu aggravat kienet ukoll kontradittorja ghax kienet qeghda tikkonkludi li l-konvenut kellu jinghata promozzjoni li kienet analoga mal-Grad ta' Assistant Head u Head I li ghalihom qatt ma kien eligibbli kif spjegat aktar 'il fuq;

Illi ghalhekk qatt ma kienet saret diskriminazzjoni kontra l-konvenut meta ma kienx inghata l-promozzjoni ta' Segretarju tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku;

Illi ghalhekk lanqas il-kumpens ta' Lm4,000 ma kien dovut;

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tistharreg id-decizjoni tat-3 ta' Marzu 2005 tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u filwaqt li tikkonfermaha in kwantu t-Tribunal cahad it-talba tal-konvenut li jinghata promozzjoni bhala Assistant Head fl-1987 u Head Grade I, tirriformaha billi tiddikjara nulla u bla effett dik il-parti tad-decizjoni fejn l-istess Tribunal iddecieda li saret ingustizzja mal-konvenut meta giet imcahhda lilu l-promozzjoni ghal Segretarju tal-Kummissjoni ghas-Servizz Publiku u fejn giet akkordata lill-konvenut is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) *arbitrio boni viri* peress li din il-parti tad-decizjoni nghatat bi ksur tal-Artikolu 469A (1) (b) (iv).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepexxa:

1. Preliminarjament, in-nuqqas ta’ gurisdizzdizzjoni ta’ din il-Qorti stante li d-decizjoni ta’ Tribunal presjeduta minn Magistrat (u precedentement minn Imhallef togat) qatt ma kienet tista’ tikkwalifika bhala “ghemil amministrattiv” fis-sens ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap 12.

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, id-decizjonijiet tat-Tribunal kienu inappellabbli. Kieku kellha tigi milqugha t-talba ghal stharrig gudizzjarju, kienu jkunu jistghu jinfethu mill-gdid il-kazijiet l-ohra li kien iddecieda t-Tribunal f’kull zmien. Minkejja li d-decizjonijiet tat-Tribunal ma kienux appellabbli mill-impjegat li jallega li jkun sofra xi ingustizzja, l-attur kien qed jipprova jiftah triq biex jappella mid-decizjonijiet tat-Tribunal li ma jkunux jissodisfawh.

3. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari l-ohra, il-karenza ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti li taghmel pronunzjament dwar jekk saritx diskriminazzjoni kontra l-konvenut jew le. Rigward allegazzjonijiet ta’ diskriminazzjoni, huma biss il-Kummissjoni dwar l-Impiegi, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u l-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) u l-Qorti Kostituzzjonali li nghataw il-poter li jaghmlu pronunzjamenti dwar jekk saritx diskriminazzjoni, izda zgur mhux il-Prim’Awla tal-Qorti Civili.

4. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari l-ohra, l-ebda Qorti — hlief il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) u l-Qorti Kostituzzjonali — ma kienet giet vestita mill-Kostituzzjoni bil-poter li tissindika l-operat u d-decizjonijiet ta’ Tribunal bhallikieku kien xi Bord.

5. In kwantu l-attur kien qed jipprova jissostitwixxi d-diskrezzjoni tieghu ghad-diskrezzjoni ezercitata mit-Tribunal, it-talba attrici kienet insostenibbli legalment u kellha tigi michuda.

6. Meta l-attur kien qed jorbot il-hatra ta’ Segretarju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku strettament ma’ policies Generali li jinbidlu skond ic-cirkostanzi, kien ikun qed imur kontra proprju dak il-principju li ghalih kienet giet imwaqqfa l-PSC, cioe` dak li l-PSC jkun mekkanizmu kostituzzjonali li jiffunzjona b’mod awtonomu u indipendenti mill-Gvern u mill-gerarkija tal-Gvern tal-gurnata.

7. Fil-meritu u bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt kif kien ser jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza.  Izda kien ta’ dispjacir illi l-attur kien ghazel li jipprova jimpunja parti mid-decizjoni f’dan il-kaz, li ‘jghajjat” biex issir gustizzja.  Huwa kien dahal gradwat Administrative Officer fl-1977 u hadem fil-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ghal kwazi 20 sena minghajr ma kien inghata promozzjoni.  Hemm disparita` carissima fil-mod kif il-Gvern kien agixxa ma’ Richard Mifsud u l-mod kif kien agixxa mal-konvenut.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Rat id-dokumenti esibiti.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din id-decizjoni tirrigwarda l-ewwel erba’ eccezzjonijiet.

Il-bazi tal-kawza huwa l-artikolu 469A tal-Kap 12 u specifikament (1) (b) (iv) li jghid hekk:
**“469A.** (1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:

(*b*) meta l-eghmil amministrattiv ikun *ultra vires* ghal xi raguni minn dawn li gejjin:

(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.

(2) F’dan l-artikolu –

"eghmil amministrattiv" tfisser il-hrug ta’ kull ordni, licenza, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:

(3) Kawza biex twaqqa’ eghmil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(*b*) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta’ jsir, jaf, skond liema jigi l-ewwel, b’dak l-eghmil amministrattiv.”

F’dan l-istadju din il-Qorti tixtieq tirreferi ghal zewg decizjonijiet u cioe` l-ewwel ghall-kawza fl-ismijiet **Direttur Generali tal-Qorti vs Pinu Axiaq** deciza mill-Prim’ Awla [Imh A J Magri] fl-1 ta’ Lulju, 2003 intqal li:

“Il-poteri tat-Tribunal kostitwit bl-Att VIII tal-1997 huma elenkati u cirkoskritti b'mod ezawrjenti fl-artikolu 6 tal-istess Att. Ghalhekk it-Tribunal huwa vestit b’awtorita’ li jinvestiga biss dawk l-ingustizzji elenkati fl-artikolu in kwistjoni u xejn aktar.

"Din il-Qorti tosserva li l-attur qed jibbaza d-dritt ta’ din il-Qorti li tistharreg l-eghmil tat-Tribunal fuq l-artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-

ezercizzju huwa zbaljat u ghal kollox superfluwu. Infatti t-Tribunal huwa kostitwit biex jindaga huwa stess l-eghmil amministrattiv u bl-ebda mod l-funzjoni tieghu ma jista’ qatt jinkwadra fid-definizzjoni ta’ 'eghmil amministrattiv" kif stabbilit fl-imsemmi artikolu. Id-dritt ta’ din il-Qorti li tistharreg il-validita’ o meno ta’ pronunzjament tal-istess Tribunal ma johrog mill-artikolu imsemmi izda mill-principju generali li jikkonferixxi fuq din il-Qorti d-dritt li tara li jkun gie rispettat l-principju tal-"fair hearing" u li dak it-tribunal ma jkunx agixxa "ultra vires". Huwa proprju dan it-tieni aspett tar-right of review li qed jigi invokat mill-attur odjern billi qed jinghad li t-Tribunal ma kienx kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment li ngieb quddiemu. Dan id-dritt tal-Qorti konfermat f’diversi pronunzjament precedenti lanqas biss ma qed jigi kkontestat mill-konvenut kif jidher ampjament minn nota tal-osservazzjonijiet tieghu. "

Ukoll fil-kawza **Steven Bartolo vs Avukat Generali** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili [Kostituzzjonali] Imh G Valenzia fid-29 ta’ Marzu, 1999, inghad li l-impunjazzjoni ta' decizjoni ta' Tribunal mill-Prim’ Awla hija limitata ghal tlett kategoriji ta' difett - [a] eccess ta' gurisdizzjoni, [b] non-osservanza ta' l-istess ligi kostituttiva [c] non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fundamentali tal-gustizzja, fosthom diskriminazzjoni.

Jekk ir-rikorrent ikollu rimedju ordinarju quddiem il-Prim'Awla fejn jitlob li d-decizjoni tat-Tribunal tal-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tigi dikjarata nulla u bla effett billi t-Tribunal ma mexiex mal-principji ta' gustizzja naturali billi r-rikorrent gie diskriminat meta r-rikors tieghu gie dikjarat inammissibli a terminu tal-artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII tal-1997 [kawzi bhal dawn App Civ 29/5/91 Alamango vs M R Ciantar; 20/5/91 Holland vs Schembri] m'ghandux jadixxi l-Prim'Awla [sede Kostituzzjonali].

Minn dawn l-imsemmi artikolu kif ukoll iz-zewg sentenzi ma’ liema decizjonijiet din il-Qorti kif presjeduta taqbel perfettament johorgu dawn il-principji:

I. il-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta’ xi

eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett;

II. "eghmil amministrattiv" tfisser il-hrug ta’ kull ordni, licenza, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:

III. Kawza biex twaqqa’ eghmil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(*b*) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta’ jsir, jaf, skond liema jigi l-ewwel, b’dak l-eghmil amministrattiv.

IV. Il-poteri tat-Tribunal kostitwit bl-Att VIII tal-1997 huma elenkati u cirkoskritti b'mod ezawrjenti fl-artikolu 6 tal-istess Att. Ghalhekk it-Tribunal huwa vestit b’awtorita` li jinvestiga biss dawk l-ingustizzji elenkati fl-artikolu in kwistjoni u xejn aktar.

V. It-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji kien kostitwit biex jindaga huwa stess l-eghmil amministrattiv u bl-ebda mod l-funzjoni tieghu ma jista’ qatt jinkwadra fid-definizzjoni ta’ “eghmil amministrattiv” kif stabbilit fl-imsemmi artikolu 469A;

VI. Id-dritt ta’ din il-Qorti li tistharreg il-validita` ***o meno*** ta’ pronunzjament tal-istess Tribunal ma johrogx mill-artikolu msemmi izda mill-principju generali li jikkonferixxi fuq din il-Qorti d-dritt li tara li jkun gie rispettat l-principju tal-“***fair hearing***” u li dak it-tribunal ma jkunx agixxa "***ultra vires***". Dan huwa r-***right of review***;

VII. l-eghmil amministrattiv ikun ***ultra vires*** jekk ikun imur kontra l-ligi;

VIII. l-impunjazzjoni ta' decizjoni ta' Tribunal mill-Prim’Awla hija limitata ghal tlett kategoriji ta' difett - [a] eccess ta' gurisdizzjoni, [b] non-osservanza ta' l-istess ligi kostituttiva [c] non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fundamentali tal-gustizzja.

Issa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija:
1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzdizzjoni ta' din il-Qorti stante li d-decizjoni ta' Tribunal presjeduta minn Magistrat (u precedentement minn Imhallef togat) qatt ma kienet tista' tikkwalifika bhala "ghemil amministrattiv" fis-sens ta' l-artikolu.

Kif gja msemmi d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma tikkwalifikax bhala "eghmil amministrattiv". Lanqas hi konkordi mad-definizzjoni moghtija mill-ligi – art 469A. Fil-kaz in ezami s-sentenza inghatat minn Magistrat u din il-qorti thoss li jew trid ikollok immaginazzjoni fertili jew trid tghid dak li mhux biex tghid li tali decizjoni hija eghmil amministrattiv. Certament li d-decizjoni tat-Tribunal la hi ordni, la licenza, la permess, la ghoti ta' ***warrant***, lanqas decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika. It-Tribunal certament ma kienx xi awtorita` pubblika u kien jezercita funzjonijiet gudizzjarji u propju ghalhekk decizjonijiet tat-Tribunal ma jistghux jigu sindakati mill-Qorti hlief jekk imorru kontra [a] eccess ta' gurisdizzjoni, [b] non-osservanza ta' l-istess ligi kostituttiva [c] non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fundamentali tal-gustizzja. Fil-kaz in ezami l-attur mhux qieghed jallega la eccess ta' gurisdizzjoni, lanqas non-osservanza ta' l-istess ligi kostituttiva, u lanqas non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fundamentali tal-gustizzja.

Il-legislatur tant ma riedx johrog minn dawn il-kriterji li lanqas ma pprovda appell mit-Tribunal f'xi kazijiet izda halla kollox dipendenti dwar il-judicial review fuq il-principji pacifikament accettati u fuq imsemmija izda li b'ebda mod ma jirrizultaw fil-kaz in ezami.

Fin-nota taghha ghall-Avukat Generali l-abili konsulent legali ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Edgar Borg** tat-28 ta' Ottubru, 2005. Bir-rispett kollu ghal dik il-Qorti kif presjeduta, tilfet kompletament il-punt tas-sinifikat ta' "eghmil amministrattiv" u t-Tribunal kif spjegat fuq, u wara ghaddiet biex qiset l-***ultra vires*** ta' meta l-eghmil

amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi, u b'hekk halqet l-uniku kaz b'dik l-interpretazzjoni li fil-fehma ta' din il-qorti kif presjeduta ma tistax tieqaf fuq saqajha.

L-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut huma ferm interessanti specjalment dik imsemmija fin-nota tal-abili difensur tal-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, izda stante li din il-Qorti qedgha tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari mhux il-kaz li tidhol fihom.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------